# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

## Alla l-Ħali

Il-parabbola nsejħulha 'tal-Iben il-Ħali'. Iżda hemm min jgħid li jixraq iżjed it-titlu 'tal-Missier il-Ħali'. Il-Missier f'din il-parabbola jidher verament lest jaħli ġidu fuq min ġa berbaqhulu. Jerġa' jaħli mal-iben li ġa għamilhielu u ħlielu ġidu. Ir-risposta tal-Missier lil ibnu l-kbir hi waħda sorprendenti: "Jixraq nagħmlu festa, għax dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!".

### L-IBEN UFFIĊĊJAL TAD-DWANA



Kultant aħna l-Insara ta' ġewwa nafu nkunu bħall-iben il-kbir: meta naraw lill-midneb ġej lura u lill-Missier jilqgħu, bħal ngħiru għalih. U għalhekk nibdew insiru dik li l-Papa Franġisku jsejħilha 'd-dwana'. Nibdew nagħżlu aħna min għandu jidħol u min m'għandux, min jixraqlu u min le.

### KRISTJANI BĦALL-KAPTAN SCHETTINO

Ftit tas-snin ilu kien inkalja l-*cruiseliner Costa Concordia*, u waqt li kien qed jegħreq, il-Kaptan Schettino flok tħabat biex il-passiġġieri jsalvaw, ħarab biex isalva ġildu. Il-qaddisin jgħallmuna li l-Kristjan għandu jinkedd jara lil ħuh mitluf. Il-Kristjan ma jistax jistrieħ qabel ma jara lil kulħadd magħqud ma' Alla. Għajb għall-'Kristjani' li jimpurtahom biss minn kif se jsalvaw huma... Dak hu l-egoiżmu per eċċellenza, l-oppost tal-ħniena ta' Alla.

## LAQGĦA GĦAL-LETTURI U ANIMATURI



**Nhar il-Ħamis 4 ta' April fis-6.30pm** l-Arċipriet jixtieq jiltaqa' ma' dawk kollha li jaqraw u janimaw waqt il-quddies. Hu ferm importanti li nkomplu nħeġġu u norganizzaw dan il-ministeru tant importanti.



## VIA SAGRA T'GĦAMMAR

Nhar il-Ħadd 7 ta' April fl-4.30pm inħeġġukom tiġu għall-Via Sagra fuq l-Għolja ta' Għammar. Importanti li tal-inqas darba matul ir-Randan inżuru dan il-post għażiż u nitolbu t-talba tal-Via Sagra. Se nipprovdu trasport għal min jixtieq. Inkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali sal-Ġimgħa 5 ta' April.

## ĦARĠA MALTA

Nhar it-Tlieta 16 ta' April. Inżuru postijiet fejn naraw vari tal-Ġimgħa l-Kbira: in-Naxxar, il-Mosta, iż-Żebbuġ u Ħal Qormi. Fl-aħħar nieqfu The Point. Kellmu lil Antida Gatt fuq 21551876 jew 99991876.

## L-GĦOTI TAD-DEMM

hu mod ieħor kif nagħmlu **karità** u noħorġu minna nfusna biex ngħinu lil ħaddieħor.



Inħeġġukom tmorru tagħtu d-demm nhar ta' Ħadd mit-8am sas-1pm u nhar ta' Tlieta mis-1pm sal-5pm il-Berġa tax-Xewkija. **Huma ħafna dawk (anki mill-Parroċċa tagħna) li għal raġuni jew oħra jiġu bżonn id-demm.**



### SEJĦA GĦALL-FOTOGRAFI

Dawk il-fotografi interessati li jieħdu r-ritratti u/jew vidjo waqt il-funzjonijiet tal-Griżma (il-Ħadd 19 ta' Mejju) u l-Preċett (is-Sibt 25 ta' Mejju) u fil-Bażilika ta' San Ġorġ mitluba jiġbru l-*Kriterji tal-Għażla* sa mhux iktar tard mill-Ħadd 14 ta' April mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**KRONAKA** — **24-03-2019** Nitolbu għal ruħ SAVERIA ATTARD li mietet fl-età ta' 93 sena.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 31-03-2019 | Il-Familja Vassallo |
| 01-04-2019 | Tumas, Ġorġa, Joe u Nenu Grech |
| 02-04-2019 | Kelinu u Ġorġa Scicluna |
| 03-04-2019 | Carmena, Maria u l-Familja Grech |
| 04-04-2019 | Bernard u Josephine Masini |
| 05-04-2019 | Ġużi u Pawla Cassar |
| 06-04-2019 | Clemenzia Micallef |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM